MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Numru. 49/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Clayton-John Farrugia**

Numru 49/2013

Illum 30 ta’ April 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Clayton-John Farrugia**, ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena, bin Consiglio u Loreta neé Xerri, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-30 ta’ Settembru 1985 u residenti Lincharl, Triq tal-Latini, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-

Identita bin-Numru 41085(G), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' April 2013 u fix-xhur ta' qabel gewwa Ghajnsielem, Ghawdex u f'postijiet ohra f'Ghawdex b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jew fi zmenijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dana bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu, li minkejja li mhijiex wahda kompletament nadifa ma jistghax jinghad li wahda refrattarja.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Taqsimiet 4 u 6 u Artikoli 8(a), 8(d), 22 (1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u Regolament 8 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti mhijiex ser tordna l-ebda distruzzjoni tad-droga *stante* li ma giet ezebita l-ebda droga f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------